Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10397 — Tecpetrol/Oaktree/Litoral Gas/ECS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 365/09)

1. Fit-2 ta' Awwissu 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Tecpetrol Internacional S.L.U., li tappartjenti għat-Techint Group ("Tecpetrol", Spanja),

— Oaktree Capital Group, LLC ("Oaktree", l-Istati Uniti tal-Amerka).

— Litoral Gas S.A. ("Litoral Gas", l-Arġentina),

— Energy Consulting Services S.A. ("ECS", l-Arġentina).

Tecpetrol u Oaktree jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Litoral Gas u ECS.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Tecpetrol: it-tfittxija, il-produzzjoni, it-trasport u d-distribuzzjoni ta' idrokarbuni, kif ukoll il-ġenerazzjoni tal-elettriku, f'diversi pajjiżi Latini Amerikani,

— Oaktree: ġestjoni globali ta' fond ta' investiment alternattiv u mhux tradizzjonali,

— Litoral Gas: distribuzzjoni tal-gass fl-Arġentina,

— ECS: servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni tal-gass.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jitqies għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.10397 — Tecpetrol/Oaktree/Litoral Gas/ECS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË